GVERN TA' MALTA
MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI
U L-ISPORT
ID-DIRETTORAT GĦALL-PROGRAMMI TA' TAGĦLIM U ASSESSJAR

**ĊIRKULARI**

**Data:** 8 ta' Marzu 2022 **Ref:** DLAP 078/2022

**Lill-:** Kapijiet tan-Netwerk tal-Kulleġġi u Kapijiet tal-Iskejjel Primarji tal-Istat, tal-Knisja u Indipendenti

**Mingħand:** David Muscat – Kap Eżekuttiv, Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu

**Suġġett:** 'Aqrali Ktieb / *Read me a Book'*

---

Fil-librerija ta' filmati tal-programm 'Aqrali Ktieb / *Read me a Book'* tal-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu wieħed isib sessjonijiet ta' qari għall-gost irrekordjati għal tfal mill-ewwel snin sa 11-il sena. Dawn is-sessjonijiet huma bil-Malti u bl-Ingliż u saru mill-animaturi tal-qari tal-Aġenzija.

L-Aġenzija qiegħda toffri din il-librerija virtwali lill-edukaturi u lill-ġenituri/kustodji tat-tfal kollha. Min japplika jkun jista' jissellef żewġ sessjonijiet, waħda bil-Malti u oħra bl-Ingliż, kuljum. Dawn il-filmati jkunu bla ħlas imma jistgħu jintużaw għal tliet sigħat biss. Il-ġenituri/kustodji huma mistiedna jagħżlu s-sessjonijiet minn dawn il-katalgi: https://education.gov.mt/en/nationalliteracyagency/Pages/Resources/Lets-Read-Together.aspx

Biex tissellef filmat trid tibgħat ittra elettronika lil kurt.lee.azzopardi.2@ilearn.edu.mt u tagħtih din l-informazzjoni:

- It-titlu tas-sessjoni
- L-età tat-tfal (0-3, 3-7 jew 7-11-il sena)
- Id-data u l-ħin meta tixtieq tara s-sessjoni
  (mit-Tnejn sal-Ġimgħa fid-9:00, fin-12:30, fl-16:00 jew fis-19:00, is-Sibt fid-9:00 jew f'12:00).

Is-Sur Kurt Azzopardi jipprovdilek il-ħolqa u l-password tal-filmat/i b'ittra elettronika. In-numru tat-telefown tiegħu huwa 2598 2994.

Grazzi tal-attenzjoni.

**Sandra Ebejer**
**Direttur,**
**Id-Direttorat għall-Programmi ta' Tagħlim u Assessjar**